# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 433/2018 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**BT**

**Vs**

**DT**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors datat 25 ta' Settembru 2018, ta' BT , a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzeweg lill-intimata DT bhar il-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) fir-Registru Pubbliku ta' Malta, il-Belt Valletta, hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok* ***'A'****;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt ulied, u cioe' VJ li twieldet nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u JA li twieled nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn  u disgha (2009);*

3. *Illi tul dan iz-zwieg ta' bejn il-komparenti twieled minuri iehor, u cioe' JJ  li twieled nhar l-erbgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), fejn ssugwentament irrizulta li ma huwiex il-wild naturali u bijologiku tal-esponenti, u dan kif rrizulta mir-Rapport tad-DNA ta' nhar l-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), redatt minn Dr.*

*Marisa Cassar, liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala dok* ***'B'****;*

4. *Illi l-ezitu tal-kwistjoni premessa qieghed jigi deciz fil-kawza sub judice ta' denegata paternita tal-minuri JJ quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi (Rikors Guramentat Numru 209/17);*

5. *Illi l-partijiet ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn erba' (4) snin. Difatti huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr.Katia Farrugia Cachia datat nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016), kopja ta' liema qieghda hawn annessa u mmarkata bhala dok* ***'C'****;*

6. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli, jew remot ghar-rikonciljazzoni bejniethom peress li ilhom snin twal mifruda, u barra minn hekk illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi l-partijiet qeghdin ihallsu b'mod regolari l-manteniment versu zewg (2) ulied li gie regolat ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq citat;*

8. *Illi dawk il-fatti kif premessi jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg bejn u bejn l-intimat ccelebrat nhar il-hdax (11) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sabiex entro t-terminu ffisat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku,kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg;*

*Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma toggezzjonax ghad-divorzju u ddikjarat ukoll li riedet tirriverti ghall-kunjom xbubitha, cioe C;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar il-11 ta’ Dicembru 2007, fir-Registru Pubbliku (Vide Dok A) u illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied li huma minuri;

Jirruzulta wkoll li hemm proceduri ohra bin-numru 209/2017, peress li f’dan iz-zwieg kien hemm wild iehor fejn sugwentament ma huwiex il-wild naturali tar-rikorrenti;

Il-partijiet ilhom separati ghal iktar minn erba’ snin, izda effettivament legalment isseparaw b’kuntratt datat 30 ta’ Mejju 2016 in atti tan-Nutar Katia Farrugia (Vide Dok C);

**BT** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Dicembru 2007 u kien ottjenew separazzjoni legali fit-30 ta’ Mejju 2016 permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, kollha minuri, izda fir-rigward ta’ wiehed minnhom hemm proceduri ta’ denegata paternita pendenti. Xehed illi m’hemm l-ebda pendenzi ta’ manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba’ snin, u li m’hemm l-ebda tama ta’ rikonciljazzjoni.

**DT** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
> ***[...]***

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Mejju 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Katia Farrugia Cachia, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u wkoll tawtorizza lil DT sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe C u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**